# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Hal Safi

Is-Seba’ Legislatura

Laqgħa Numru 4/2017

12 t’ April 2017

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Safi ltaqa’ fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab f’40 Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola Ħal Safi, fil-5:30 pm.

Prezenti

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |

Assenti b’ittra ta’ Apoligija

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Vici Sindku |

Ufficcjal Prezenti

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

Minuti:

4.1 Qari tal-ittri ta’ Apoligiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra tal-apologija tal-kunsillier is-Sur Francis Callus li nqabad ix-xogħol b’emerġenza. Huwa qiegħed jiġi skużat mil-laqgħa.

4.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

4.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

4.2.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi rigward (ref punt 3.6.4) għandna nerġgħu nibagħtu l-entitajiet kollha sabiex jitneħħew il-wires mdendlin il-pjazza jew almenu jsiru puliti.

4.2.3 Rigward (ref punt 3.9.7) il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-attivita' tal-Kunsill Lokali taż-Żagħżagħ sabiex jitħawlu fjuri kienet diga' saret il-Ħadd ta' qabel u li kienet attivita' sabiħa ħafna.

4.2.4 Is-Sindku kkonferma illi (ref punt 3.6.5) l-ħaddiema li kienu responsabbli mill-asphalt kienu assikurawh illi l-emulsion fuq il-paving blocks mhux huma kienu li ħallewh. Il-ħaddiema kienu jafu bih. Is-Sindku qal illi l-ħaddiema għandhom jaraw kif jista' jitneħħa.

4.2.5 Il-Kunsillier Pietru Pawl Busuttil saqsa f'hiex konna wasalna rigward il-problema li għandna dwar il-konfini mal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq. Is-Sindku spjega li fl-aħħar laqgħa (ref 3.7.1) il-Kunill kien qabel li għandna nibagħtu Kontro Protest. Is-Sindku qal ukoll illi għandu pjanta tal-konfini kif inhuma mill-Planning Authority fejn jidher ċar li fejn għandna l-arblu huwa konfini tagħna. Is-Sindku qal li għandna nistennew ħa naraw x'ser ikun ir-riżultat tal-Kontro Protest u ma kienx qed jeskludi xejn.

4.2.6 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi waqt il-laqgħa li kellha mal-Bord tal-Premju Onorefiċenza, il-Bord kienu għarrfuha illi għal kull membru tal-Bord li l-Kunsill ikun ħatar, irid ukoll jaħtar reliever għal kull membru. Issa għal din is-sena peress li ma konniex għamilna hekk, kellna nagħmlu lista ta' preferenza mil-lista ta' relievers li konna nnominajna. Il-Kunsill qabel illi l-lista għandha tkun:

1: William Grech

2: Robert Abdilla

3: Giljan Bonello

4. Salvu Zammit.

4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.3.1 Is-Sindku qal illi l-permessi ta' Triq il-Kuċċard kienu ħarġu. Ix-xogħol għandu jibda xi ħmistax oħra.Is-Sindku qal illi l-ewwel ser isir ix-xogħol tal-ħajt. Saret ukoll proposta sabiex issir zebra crossing oħra fit-tarf tat-triq minħabba t-tfal tal-iskola.

4.3.2 Is-Sindku kkonferma illi rigward l-E-mail 142/17 li ntbagħtet minngħand Antonella Vella rigward invitation by Drug Squad, is-Sindku flimkien mal-kunsillier s-Sinjorina Joanna Abdilla kienu ltaqgħu minħabba l-problema tad-drogi. Is-Sindku qal li issa din il-problema għandhom jindirizzawha l-pulizija.

4.3.3 Is-Sindku qal ukoll li konna rċievejna l-konferma għal approvazzjoni tad-devoluzzjoni tal-Berġa. Issa kona qegħdin nistennew mingħand il-Lands Dept sabiex inkunu nistgħu nagħmlu l-kuntratt.

4.3.4 Is-Sindku qal ukoll illi l-għada tal-laqgħa d-Deputat Segretarju Eżekuttiv kellha tmur bl-applikazzjoni tal-Miżura 4.3 għaliex kienet tagħlaq l-ewwel sejħa.

4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

4.4.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet rigward e-mail 158/17 regward Youth Local Council. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkonfermat illi kienet e-mail mingħand Commissioner for Youth Services fejn kienu qed iħeġġu lill-Kunsilli sabiex jingħaqdu ma' Agenzija Żagħżagħ.

4.4.2 Il-Kunsillier Carlo Stivala saqsa rigward 165/17 rigward e-mail mingħand TCTC rigwad Robotics. Id-Deputat Segretarju qalet illi jekk is-Sur Ray Abela ser jibqa' jsostni illi għandna nħallsu 150 Euros jekk ikun hemm xi ħsarat fil-kompjuters hija ma kinitx ser tiffirma l-ebda kuntratt.
Il-Kunsillier Pietru Pawl Busuttil ġie skużat fis-6:05pm.

Peress illi l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla marret twasslu ma kienx hemm quorum għalhekk il-laqgħa kellha tiġi sospiża.

Il-laqgħa tkompliet fis-6:20pm

4.4.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet ukoll rigward ittra mibgħutha mingħand Alexis Callus. Is-Sindku qal li kienet ittra ta' ilment rigward xi affarijiet li ħafna minnhom diġa qiegħdin nindirizzawhom fosthom il-bandli, wires indendlin u tiżbir ta' siġar.

4.5 Rapporti
Ma kienx hemm rapporti għal din il-laqgħa.

4.6 Items oħra.

4.6.1 Xiri ta' Airconditioner għas-Sala
Is-Sindku qal illi issi li kien qed joqrob is-sajf għandna nibdew naħsbu sabiex nixtru airconditioner wieħed fis-sena. Is-Sindku qal illi skond it-teknixin l-agħar wieħed li għandna fis-sala huwa dak tan-nofs għalhekk kellna nibdew minnu. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

Is-Sindku qal ukolli illi l-problema ta' Adonis kienet għaliex il-karozza qiegħdin jolqtulu l-ġenb tad-dar. Għalhekk is-Sindku ssuġerixxa li għandna nagħmlu tabella No Heavy Vechiles għaliex Transport Malta except for residents ma jaċċetawhiex. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu t-tabella.

Is-Sindku qal ukoll illi illum illi Żeppi kiber fl-eta' qiegħed issibha diffiċli sabiex jiżbor u jaħrat għalhekk iridu naraw xi spejjeż hemm sabiex inkunu nistgħu nqabbdu lil xi ħadd sabiex jagħmel dan ix-xogħol. Qal ukoll li mhux qiegħed jgħid illi għandna nneħħu lil Żeppi, sempliċiment għandna naħsbu sabiex ikollna wieħed biex jagħmel ix-xogħol iebes.

Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala qal illi kellu kuntatt ma persuna li kienet qed toffrilu proġett għal Youth Exchange. Il-Proġett għandu jkun 5 ġimgħat oħra u ser ikun għal sitt ijiem. Is-Sindku qal li għandna naraw x'inhu l-proġett eżatt u l-kriterji kollha.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Misraħ qed ikun hemm karozzi pparkjati.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi f'Mejju ser tagħmel ġita għal Sqallija.

Qalet ukoll illi t-tabella li tindika illi l-karozzi m'għandhomx isuqu b'veloċita' ma ġietx flokha mal-faċċata taċ-ċentru.

4.7 Il-Kunsillier Pietru Pawl Busuttil

Is-Sindku qal illi peress illi l-Kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma kienx attenda għal erba' laqgħat konsekuttivi, l-kunsill għandu jara jekk l-assensa tiegħu hix ġustifikata. Il-Kunsill qabel li bla dubju ta' xejn il-kunsillier kellu jkun skużat minħabba każ ta' mard. Il-Kunsill jawguralu fejqan ta' malajr.

4.8 Jum Ħal Safi

4.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv saqsiet lil kunsilliera jekk kellhomx xi suggerimenti oħra rigward Jum Ħal Safi. Hija qalet li minn naħa tagħha kollox kien ikkonfermat, l-inviti kollha kienu ntbagħtu u li l-ġimgħa ta' Jum Ħal Safi kien fadal biss xi affarijiet żgħar.

4.8.2 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala qal li l-Isports Day kellha tkun nhar is-Sibt 22 t'April bejn is-1:00pm u l-4:00 pm. Qal ukoll li għandhom bżonn jużaw il-bibs u l-cones tan-Nursery. Il-Kunsill qabel li għandna nqassmu avviż lit-tfal tan-Nursery u l-mużewijiet (bniet u subien) issa li t-tfal kienu ħarġu bil-vakanzi tal-Għid.

4.9 Kunsiderazjoni u Approvazjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

4.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduata li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-7:20pm. Laqgħa li jmiss ser tkun l-Erbgħa 26 t'April 2017 fit-5:30 pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv